32004D0535

6.7.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 235/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Mejju 2004

dwar il-protezzjoni adegwata tad-*data* personali tal-passiġġieri ta' l-ajru miżmuma fil-Passenger Name Reċord u trasferiti lill-United States' Bureau of Ċustoms and Border Proteċtion

(innotifikata fid-dokument bin-numru K(2004) 1914)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/535/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u l-moviment ħieles ta' tali *data* [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 95/46/KE l-Istati Membri huma mitluba jistipulaw li t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jista' jsir biss jekk il-pajjiż terz in kwistjoni jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni u jekk jiġu sodisfatti l-liġijiet ta' l-Istati Membri li jimplementaw id-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva qabel it-trasferiment.

(2) Il-Kummissjoni tista' ssib illi pajjiż terz jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni. F'dak il-każ, id-*data* personali tkun tista' tiġi trasferita mill-Istati Membri mingħajr il-bżonn ta' garanziji addizzjonali.

(3) Skond id-Direttiva 95/46/KE il-livell ta' protezzjoni tad-*data* jrid jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi marbuta ma' l-operazzjoni ta' trasferiment ta' *data* jew ma' sett ta' operazzjonijiet ta' trasferiment b'attenzjoni partikolari għal numru ta' elementi relevanti għat-trasferiment u elenkati fl-Artikolu 25(2) tagħha.

(4) Fil-qafas tat-trasport bl-ajru, il-*Passenger Name Reċord* (PNR) (Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri) huwa rekord tat-talbiet kollha għall-vjaġġ ta' kull passiġġier u li fih l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati riservazzjonijiet mil-linji ta' l-ajru ta' l-ibbukkjar u dawk parteċipanti. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "passiġġier" u "passiġġieri" għandhom jinkludu l-membri tal-ekwipaġġ. "Linja ta' l-ajru ta' l-ibbukkjar" tfisser linja ta' l-ajru li magħha l-passiġġier ikun għamel ir-riservazzjonijiet oriġinali jew li magħha jkunu saru riservazzjonijiet addizzjonali wara l-bidu tal-vjaġġ. "Linji ta' l-ajru parteċipanti" tfisser linja ta' l-ajru li lilha titlob spazju l-linja ta' l-ajru ta' l-ibbukkjar, fuq waħda jew aktar titjiriet, sabiex jinżammu għall-passiġġier.

(5) Il-*United States Bureau of Ċustoms and Border Proteċtion (ĊBP) of the Department of Homeland Seċurity* (DHS) (l-Uffiċċju tad-Dwana u l-Protezzjoni tal-Fruntieri ta' l-Istati Uniti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Interna) jitlob lil kull linja ta' l-ajru li tagħmel titjiriet tal-passiġġieri f'mezzi ta' trasport barranin lejn jew mill-Istati Uniti sabiex tagħti aċċess elettroniku għall-PNR jekk kemm-il darba l-PNR jinġabar u jinħażen fis-sistema ta' riservazzjonijiet awtomatika tal-linja ta' l-ajru.

(6) Ir-rekwiżiti għad-*data* personali li tinsab fil-PNR tal-passiġġieri bl-ajru li trid tiġi trasferita lis-ĊBP, huma bbażati fuq statut ippromulgat mill-Istati Uniti f'Novembru 2001 [2], u fuq ir-regolamenti li jimplementawh adottati mis-ĊBP skond id-dispożizzjonijiet ta' dak l-istatut [3].

[1] ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[2] Title 49, United States Ċode, seċtion 44909(ċ)(3).

[3] Title 19, Ċode of Federal Regulations, seċtion 122.49b.

(7) Il-liġi ta' l-Istati Uniti in kwistjoni hija dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u l-kundizzjonijiet li taħthom persuna tkun tista' tidħol u toħroġ mill-pajjiż - materji li fuqhom l-Istati Uniti għandhom id-dritt sovran li jiddeċiedu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Aktar minn hekk, ir-rekwiżiti stipulati aktar mhumiex inkonsistenti ma' l-obbligi internazzjonali assunti mill-Istati Uniti. L-Istati Uniti hu pajjiż demokratiku, ggvernat mill-istat tad-dritt u bi tradizzjoni twila ta' libertajiet ċivili. Ma hemm l-ebda dubju fuq il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet u s-saħħa u l-indipendenza tal-ġudikatura. Il-libertà ta' l-istampa hija garanzija qawwija oħra kontra l-abbuż tal-libertajiet ċivili.

(8) Il-Komunità hija mpenjata bis-sħiħ fl-għajnuna lill-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-limiti mposti mil-liġi tal-Komunità. Il-liġi tal-Komunità tipprovdi għall-bilanċi meħtieġa bejn konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u ta' privatezza. Per eżempju, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE jistipula illi l-Istati Membri jistgħu jilleġiżlaw sabiex jirrestringu l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti ta' dik id-Direttiva, fejn dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, difiża, sigurtà publika u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali.

(9) It-trasferimenti tad-*data* konċernati jinvolvu kontrolluri speċifiċi, jiġifieri linji ta' l-ajru li jagħmlu titjiriet bejn il-Komunità u l-Istati Uniti, u istituzzjoni waħda li tirċievi din id-*data* fl-Istati Uniti, ċioè is-ĊBP.

(10) Kull arranġament sabiex jinħoloq qafas legali għat-trasferimenti tal-PNR lejn l-Istati Uniti, b'mod partikolari permezz ta' din id-deċiżjoni għandu jkun limitat fiż-żmien. Intlaħaq ftehim dwar perijodu ta' tliet snin u nofs. Tul dan il-perijodu ta' żmien, il-kuntest jista' jinbidel b'mod sinifikattiv u l-Komunità u l-Istati Uniti jiftiehmu illi ser ikun meħtieġ eżami mill-ġdid ta' l-arranġamenti.

(11) L-ipproċessar min-naħa tas-ĊBP ta' *data* personali li tkun tinsab fil-PNR tal-passiġġieri bl-ajru trasferiti lilu, huwa regolat mill-kondizzjonijiet elenkati fil-Garanziji tad-*Department of Homeland Security Bureau of Customs and Border Protection (ĊBP) of 11th May 2004* (minn issa l quddiem imsejħa l-"Garanziji") u fil-liġi domestika ta' l-Istati Uniti sal-grad imsemmi fil-Garanziji.

(12) Fir-rigward tal-liġi domestika fl-Istati Uniti, il-*Freedom of Information Act* (FOIA) (l-Att dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni) huwa relevanti fil-kuntest preżenti peress illi dan jikkontrolla l-kundizzjonijiet li taħthom is-ĊBP jista' jirresisti talbiet għal kxif u għaldaqstant iżomm il-PNR kunfidenzjali. L-Att jirregola l-kxif tal-PNR lill-persuna konċernata, marbuta mill-qrib mad-dritt ta' l-aċċess tal-persuna li hija s-suġġett tad-*data*. L-Att japplika mingħajr distinzjoni għaċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti u dawk li mhumiex.

(13) Fir-rigward tal-Garanziji, u kif stipulat fil-paragrafu 44 tagħhom, id-dikjarazzjonijiet fil-Garanziji ser ikunu, jew diġà ġew inkorporati fi statuti, regolamenti, direttivi jew strumenti oħra ta' politika fl-Istati Uniti għaldaqstant għandhom gradi differenti ta' effett legali. Il-Garanziji ser jiġu ppubblikati pjenament fir-Reġistru Federali taħt l-Awtorità tad-DHS. Bħala tali, huma jirrappreżentaw impenn politiku serju u kkunsidrat sew min-naħa tad-DHS u l-osservanza tagħhom ser tkun suġġetta għal reviżjoni konġunta mill-Istati Uniti u l-Komunità. Innuqqas ta' osservanza tista' tkun ikkontestata permezz ta' mezzi legali, amministrattivi u politiċi u jekk dan jippersisti jwassal għas-sospensjoni ta' l-effetti ta' din id-Deċiżjoni.

(14) L-istandards li bihom is-ĊBP ser jipproċessaw id-*data* fil-PNR tal-passiġġieri a bażi tal-liġi ta' l-Istati Uniti u l-Garanziji, ikopru l-prinċipji bażiċi meħtieġa għal livell adegwat ta' protezzjoni għall-persuni fiżiċi.

(15) Fir-rigward tal-prinċipju tal-limitazzjoni ta' l-iskop, id-*data* personali tal-passiġġieri bl-ajru kontenuta fil-PNR trasferit lis-ĊBP ser tiġi pproċessata għal skop speċifiku u wara tintuża jew tintbagħat ulterjorment biss sakemm dan ma jkunx inkompatibbli ma' l-iskop tat-trasferiment. B'mod partikolari, id-*data* tal-PNR ser tintuża strettament għal skopijiet ta' prevenzjoni u l-ġlieda kontra: it-terroriżmu u reati marbuta mieghu; reati serji oħra, inkluża l-kriminalità organizzata, li huma ta' natura transnazzjonali; u l-ħarba mill-mandati jew il-kustodja għal dawk ir-reati.

(16) Fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità u kwalità tad-*data*, li trid tittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward tal-bażijiet importanti ta' l-interess pubbliku li għalihom tkun ġiet trasferita id-*data* tal-PNR, id-*data* tal-PNR li tingħata lis-ĊBP mhix ser tiġi mibdula minnu. Ser jiġu trasferiti massimu ta' 34 kategorija ta' *data* tal- PNR u l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti ser jikkonsultaw il-Kummissjoni qabel ma jżidu rekwiżiti ġodda. Informazzjoni personali addizzjonali mitluba bħala riżultat dirett tad-*data* tal-PNR ser tinkiseb minn sorsi barra l-gvern permezz ta' mezzi legali biss. Bħala regola ġenerali, il-PNR jithassar wara massimu ta' 3 snin u 6 xhur, ħlief għad-*data* li sar dħul għaliha għal investigazzjonijiet speċifiċi, jew manwalment b'xi mod ieħor.

(17) Fir-rigward tal-prinċipju tat-trasparenza, is-ĊBP ser jipprovdi informazzjoni lill-vjaġġaturi dwar l-iskop tat-trasferiment u l-ipproċessar, u l-identità tal-kontrollur tad-*data* fil-pajjiż terz, kif ukoll informazzjoni oħra.

(18) Fir-rigward tal-prinċipju tas-sigurtà, miżuri tekniċi u organizzattivi jittieħdu mis-ĊBP li huma xierqa għar-riskji ppreżentati mill-ipproċessar.

(19) Id-dritt ta' aċċess u rettifika huma rikonoxxuti, fis-sens li s-suġġett tad-*data* jista' jitlob kopja tad-*data* fil-PNR u li tiġi koreġuta *data* skorretta. L-eċċezzjonijiet previsti jistgħu jitqabblu b'mod ġenerali mar-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu mposti mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE.

(20) Ser isiru trasferimenti ulterjuri lill-awtoritajiet governattivi oħra, inkluż awtoritajiet governattivi barranin, b'funzjonijiet kontra t-terroriżmu u ta' nfurzar tal-liġi, każ b'każ, għal skopijiet li jikkorrispondu ma' dawk elenkati fid-dikjarazzjoni ta' limitazzjoni ta' l-iskop. Jistgħu jsiru wkoll trasferimenti għall-protezzjoni ta' l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuni oħra, b'mod partikolari fir-rigward ta' riskji sinjifikattivi għassaħħa, jew fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji kriminali jew kif mitlub xort' oħra mil-liġi. L-aġenziji li jirċievu huma espressament obbligati mit-termini espressi ta' kxif sabiex jużaw id-*data* biss għal dawk l-iskopijiet u ma jistgħux jittrasferixxu ulterjorment id-*data* mingħajr il-kunsens tas-ĊBP. L-ebda aġenzija barranija, federali, statali jew lokali oħra ma għandha aċċess dirett elettroniku għad-*data* tal-PNR permezz tad-*databases* tas-ĊBP. Is-ĊBP ser jirrifjuta kxif pubbliku tal-PNR fuq il-bażi ta' l-eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet relevanti tal-FOIA.

(21) Is-ĊBP ma jużax *data* sensittiva kif imsemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE, u sakemm tinħoloq sistema ta' filters sabiex tali *data* tkun eskluża mill-PNR li jiġi trasferit lejn l-Istati Uniti, jobbliga ruħu li jintroduċi l-mezzi sabiex iħassarhom u tul dan iż-żmien ma jużahomx.

(22) Fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' l-infurzar sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn il-prinċipji min-naħa tas-ĊBP, qed jiġi maħsub għat-taħriġ u l-informazzjoni tal-persunal tas-ĊBP, kif ukoll sanzjonijiet għall-membri ndividwali tal-persunal. Ir-rispett tas-ĊBP għall-privatezza in ġenerali ser tkun taħt il-lenti taċ-*Chief Privacy Officer* tad-DHS, li huwa uffiċjal tad-DHS iżda għandu grad għoli ta' awtonomija organizzattiva u jrid jirrapporta darba fis-sena lill-Kungress. Il-persuni li d-*data* fil-PNR tagħhom ġiet trasferita jistgħu jindirizzaw l-ilmenti tagħhom lis-ĊBP, jew jekk jibqgħu mhux risolti liċ-*Chief Privacy Officer* tad-DHS, direttament jew permezz ta' l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data fl-Istati Membri. Il-*Privacy Office* tad-DHS ser jindirizza malajr l-ilmenti riferuti lilu mill-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data fl-Istati Membri f'isem ir-residenti tal-Komunità, jekk ir-resident jemmen li l-ilment tiegħu jew tagħha ma' ġiex trattat kif suppost mis-ĊBP jew mill-*Privacy Office* tad-DHS. L-osservanza tal-Garanziji ser tkun is-suġġett ta' eżami annwali konġunt li jrid jitmexxa mis-ĊBP, flimkien mad-DHS u tim immexxi mill-Kummissjoni.

(23) Fl-interess tat-trasparenza u sabiex tissalvagwardja l-abilità ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw is-sospensjoni ta' flussi speċifiċi ta' *data*, minkejja li tkun teżisti protezzjoni adegwata.

(24) Il-Grupp ta' Ħidma fuq il-Protezzjoni ta' l-Individwu fir-rigward ta' l-Ipproċessar tad-*Data* Personali mwaqqaf taħt l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE tat opinjonijiet fuq il-livell tal-protezzjoni mogħti mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti lid-*data* tal-"passiġġieri", li ggwidaw il-Kummissjoni tul in-negozjati tagħha mad-DHS. Il-Kummissjoni ħadet nota ta' dawn l-opinjonijiet fil-preparazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ([1]).

(25) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal- Kumitat istitwit bl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 95/46/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI :

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 95/46/KE, il-*United States' Bureau of Customs and Border Protection* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ĊBP) huwa kkunsidrat bħala istituzzjoni li tiżgura livell ta' protezzjoni adegwat għal *data* tal-PNR trasferita mill-Komunità dwar titjiriet minn jew lejn l-Istati Uniti, skond il-Garanziji elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni tikkonċerna l-livell adegwat ta' protezzjoni mogħti mis-ĊBP bl-għan li jintlaħqu r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 95/46/KE u m'għandhiex taffettwa l-kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet l-oħrajn li jimplementaw id-disposizzjonijiet ta' dik id-Direttiva marbuta ma' l-ipproċessar tad-*data* personali fl-Istati Membri.

([1]) Opinjoni 6/2002 dwar it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni tal-manifest tal-passiġġieri u *data* oħra minn linji ta' l-ajru lejn l-Istati Uniti, addotti mill-Grupp ta' Ħidma fl-24 ta' Ottubru 2002, disponibbli fuq http://europa.eu.int/comm/internal_market/privacy/docs/wpdocs/2002/wp66_en.pdf;
Opinjoni 4/2003 fuq il-livell ta' protezzjoni assigurata fl-Istati Uniti għat-trasferiment tad-*data* tal-passiġġieri addottat mill-Grupp ta' Ħidma tat-13 ta' Ġunju 2003, disponibbli fuq http://europa.eu.int/comm/internal_market/privacy/docs/wpdocs/2003/wp78_en.pdf;
Opinjoni 2/2004 fuq il-protezzjoni adegwata tad-*data* personali li tinsab fil-PNR tal-passiġġier ta' l-ajru li għandha tgħaddi f'idejn il-*United States' Bureau of Customs and Border Protection (US ĊBP)*, adottat mill-Grupp ta' Ħidma fid-29 ta' Jannar 2004, li jinsab fuq http://europa.eu.int/comm/internal_market/privacy/docs/wpdocs/2004/wp87_en.pdf.

Artikolu 3

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħhom li jieħdu azzjoni sabiex jassiguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond dispożizzjonijiet li mhumiex dawk ta' l-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw il-poteri eżistenti tagħhom sabiex jissospendu flussi ta' *data* lis-ĊBP sabiex jipproteġu l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn awtorità kompetenti ta' l-Istati Uniti ddeterminat illi s-ĊBP kisret l-istandards ta' protezzjoni applikabbli; jew

(b) fejn huwa probabbli li l-istandards ta' protezzjoni stabbiliti fl-Anness qed jinkisru, hemm raġunijiet serji għaliex wieħed jemmen illi s-ĊBP mhix qiegħda jew mhux ser tieħu miżuri adegwati u f'waqthom sabiex tagħlaq il-kwistjoni, it-tkomplija tat-trasferiment joħloq riskju imminenti ta' dannu gravi għas-suġġett tad-*data* u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru għamlu sforzi raġonevoli fiċ-ċirkostanzi sabiex jagħtu avviż lis-ĊBP u l-opportunità biex dan jirrispondi.

2. Is-sospensjoni għandha tieqaf hekk kif l-istandards tal-protezzjoni jiġu żgurati u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati jkunu ġew notifikati.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien meta jiġu adottati miżuri skond l-Artikolu 3.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'kull bidla fl-istandards tal-protezzjoni u bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli mill-assigurazzjoni ta' l-osservanza ta' l-istandards ta' protezzjoni mis-ĊBP kif stipulat fl-Anness I tonqos milli tiżgura tali osservanza.

3. Jekk l-informazzjoni miġbura skond l-Artikolu 3 u skond il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu turi li mhux qed jiġu osservati l-prinċipji bażiċi meħtieġa għal livell adegwat ta' protezzjoni għall-persuni fiżiċi, jew li xi korp responsabbli mill-assigurazzjoni ta' l-osservanza ta' l-istandards tal-protezzjoni mis-ĊBP kif stipulat fl-Anness mhux qed jissodisfa pjenament ir-rwol tiegħu, is-ĊBP għandu jkun infurmat u, jekk ikun meħtieġ, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE fir-rigward tar-revoka jew is-sospensjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Il-funzjonament ta' din id-Deċiżjoni ser tkun sorveljata u kull skoperta relevanti rappurtata lill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 31 tad-Direttiva 95/46/KE, inkluż kull evidenza li tista' taffettwa l-iskoperta fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni li l-protezzjoni tad-*data* personali li tinsab fil-PNR tal-passiġġieri bl-ajru trasferita lis-ĊBP hija adegwata skond it-tifsira ta' l-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jaderixxu ma' din id-Deċiżjoni fi żmien erba' xhur mid-*data* tan-notifika tagħha.

Artikolu 7

Din id-deċiżjoni tiskadi fi żmien tliet snin u sitt xhur wara d-*data* tan-notifika tagħha, sakemm ma tiġix estiża skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-14 ta' Mejju 2004.

Għall-Kummissjoni
Frederik BOLKESTEIN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

GARANZIJI TAD-DEPARTMENT OF HOMELAND SECURITY BUREAU OF CUSTOMS AND BORDER PROTECTION (CBP)

B'appoġġ għall-pjan tal-Kummissjoni Ewropea (Kummissjoni) sabiex teżerċita l-poteri konferiti lilha permezz ta' l-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE (id-Direttiva) u sabiex tadotta deċiżjoni li tirrikonoxxi d-*Department of Homeland Security Bureau of Customs and Border Protection* (CBP) (l-Uffiċċju tad-Dwana u l-Protezzjoni tal-Fruntieri tad-Dipartiment tas-Sigurtà Interna) bħala kapaċi li jipprovdi protezzjoni xierqa għall-iskopijiet tat-trasferimenti bl-ajru ta' *data* tal-*Passenger Name Record* (PNR) (ir-Rekord ta' l-Ismijiet tal-Passiġġieri) ([1]) li tista' taqa' fl-ambitu tad-Direttiva, is-CBP jiggarantixxi illi:

Awtorità Legali sabiex Jinkiseb il-PNR

1. Permezz ta' l-istatut legali (title 49, United States Code, section 44909(c)(3)) u r-regolamenti (interim) ta' implementazzjoni (title 19, Code of Federal Regulations, section 122.49b), kull kumpanija ta' l-ajru li ġġorr passiġġieri b'mezzi barranin lejn jew mill-Istati Uniti, trid tagħti lis-CBP (magħruf qabel bħala l-United States Customs Service) aċċess elettroniku għad-*data* tal-PNR sakemm dan jinġabar u jkun miżmum fis-sistemi awtomatizzati ta' kontroll fuq ir-riservazzjonijiet/tluq ("sistemi ta' riservazzjoni").

Użu tad-Data tal-PNR mis-CBP

2. Ħafna mill-elementi tad-*data* li jinsabu fid-*data* tal-PNR jistgħu jinkisbu mis-CBP wara eżami tal-biljett ta' l-ajru tal-persuna u dokumenti oħra ta' l-ivjaġġar permezz ta' l-awtorità normali tiegħu tal-kontroll fuq il-fruntiera, imma l-kapaċità li tirċievi din id-*data* b'mod elettroniku ser tkabbar b'mod sinifikattiv il-kapaċità tas-CBP li tiffaċilita l-ivjaġġar bona fide u li jsir eżami effiċjenti u effikaċi minn qabel tar-riskju li jirrappreżenta kull passiġġier.

3. Id-*data* tal-PNR tintuża mis-CBP strettament għal skopijiet ta' prevenzjoni u l-ġlieda kontra: 1) it-terroriżmu u reati marbuta miegħu; 2) reati serji oħrajn, inkluża l-kriminalità organizzata, li huma ta' natura transnazzjonali; u 3) l-evażjoni mill-mandati jew il-kustodja għal dawk ir-reati deskritti hawn fuq. L-użu tad-*data* tal-PNR għal dawn l-iskopijiet jippermetti lis-CBP jiffoka r-riżorsi tiegħu fuq problemi ta' riskju għoli, u għalhekk jiffaċilita u jissalvagwardja l-ivjaġġar bona fide.

Rekwiżiti tad-*Data*

4. L-elementi ta' *data* li titlob is-CBP huma elenkati fl-Anness A. (Tali elementi identifikati minn hawn 'il quddiem qed jissejħu "PNR" għall-finijiet ta' dawn il-Garanziji). Għalkemm is-CBP jitlob aċċess għal kull waħda minn dawn l-erbgħa u tletin (34) element ta' *data* elenkati fl-Anness A, is-CBP jemmen illi huwa rari l-każ li PNR individwali jkun fiha sett komplut tad-*data* identifikata. F'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-PNR ma tinkludix sett komplut tad-*data* identifikata, is-CBP mhux ser ifittex aċċess dirett mis-sistema ta' riservazzjonijiet tal-linja ta' l-ajru lejn *data* ta' PNR oħra li mhix elenkata fl-Anness "A".

5. Fir-rigward ta' elementi ta' *data* identifikati bħala "OSI" u "SSI/SSR" (msejħa komunement bħala rimarki ġenerali u oqsma miftuħa), is-sistema awtomatika tas-CBP ser tfittex f'dawk l-oqsma għal kwalunkwe element ta' *data* ieħor identifikat fl-Anness "A". Il-persunal tas-CBP mhux ser ikun awtorizzat jirrevedi manwalment l-oqsma OSI u SSI/SSR kollha kemm huma sakemm l-individwu li jkun is-suġġett tal-PNR ma jkunx ġie identifikat mis-CBP bħala ta' riskju għoli fir-rigward ta' kwalunkwe waħda mill-iskopijiet identifikati hawn fuq fil-paragrafu 3.

6. Informazzjoni personali addizzjonali mfittxija bħala riżultat dirett tad-*data* tal-PNR ser tinkiseb minn sorsi barra mill-gvern biss permezz ta' mezzi legali, inkluż permezz ta' l-użu ta' assistenza legali reċiproka fejn dan ikun xieraq, u biss għall-iskopijiet elenkati fil-paragrafu 3. Per eżempju, jekk numru ta' karta tal-kreditu jkun imniżżel fil-PNR, tista' tintalab informazzjoni dwar transazzjoni marbuta ma dak il-kont, bi proċess legal, bħal per eżempju taħrika maħruġa minn *grand jury* jew ordni tal-qorti, skond il-liġi. Barra minn hekk, l-aċċess għal dokumenti marbuta mal-kontijiet ta' l-*email* li jinkisbu minn PNR ser isegwi r-rekwiżiti skond il-liġi ta' l-Istati Uniti dwar it-taħrikiet, l-ordnijiet tal-qorti, il-mandati u proċessi oħrajn kif awtorizzati bil-liġi, skond it-tip ta' informazzjoni li tkun qed tiġi mitluba.

7. Is-CBP ser tikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni ta' l-elementi ta' *data* fil-PNR mitluba (Anness A), qabel ma tagħmel reviżjoni simili, jekk is-CBP tinduna b'oqsma addizzjonali tal-PNR li l-linji ta' l-ajru jistgħu jżidu mas-sistemi tagħhom u li kieku jsaħħu l-kapaċità tas-CBP li tagħmel eżamijiet tar-riskju għall-passiġġieri jew jekk iċ-ċirkostanzi jindikaw li qasam tal-PNR li qabel ma kienx mitlub ser ikun meħtieġ sabiex jiġu soddisfatti l-għanijiet limitati msemmija fil-paragrafu 3 ta' dawn il-Garanziji.

([1]) Għall-finijiet ta' dawn il-Garanziji, it-termini "passiġġier" u "passiġġieri" għandhom jinkludu l-membri tal-ekwipaġġ.

8. Is-CBP tista' tittrasferixxi l-PNR bil-kwantità lit-*Transportation Security Administration* (TSA)(Amministrazzjoni tas-Sigurtà fit-Trasport) għall-finijiet ta' l-eżami tat-TSA *Computer Assisted Passenger Prescreening System II* (CAPPS II) tagħha. Tali trasferimenti mhux ser isiru sakemm id-*data* tal-PNR minn titjiriet domestiċi fl-Istati Uniti ikunu ġew l-ewwel awtorizzati għall-ittestjar. Id-*data* tal-PNR trasferita skond din id-dispożizzjoni mhix ser tinżamm mit-TSA jew kwalunkwe parti oħra involuta fit-testijiet lil hinn mill-perijodu meħtieġ għal finijiet ta' eżami, jew jiġu trasferiti lil xi terza persuna ([2]). L-iskop ta' l-ipproċessar huwa strettament limitat għall-ittestjar tas-sistema CAPPS II u l-*interfaces*, u, ħlief f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jinvolvu l-identifikazzjoni ta' terrorist magħruf jew ta' individwu b'konnessjonijiet stabbiliti mat-terroriżmu, m'għandux ikollu konsegwenzi operattivi. Taħt id-dispożizzjoni li titlob metodu awtomatiku ta' filtrazzjoni tad-*data* deskritta fil-paragrafu 10, is-CBP ser ikun iffiltra u ħassar id-*data* "sensittiva" qabel ma jittrasferixxi kwalunkwe PNR lit-TSA bil-kwantità skond dan il-paragrafu.

Trattament ta' *Data* "Sensittiva"

9. Is-CBP mhux ser juża *data* "sensittiva" (jiġifieri *data* personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-affiljazzjoni ma' *trade union*, u d-*data* dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' l-individwu) mill-PNR, kif deskritt hawn taħt.

10. Is-CBP ser jimplementa, mill-aktar fis possibbli, sistema awtomatizzata li tiffiltra u tħassar ċertu kodiċijiet ta' PNR "sensittivi" u t-termini li s-CBP identifikat f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea.

11. Sakemm ikunu jistgħu jiġu implementati tali filtri awtomatizzati s-CBP timpenja ruħha illi ma jużax u li mhux ser juża *data* "sensittiva" tal-PNR u jobbliga ruħu li jħassar *data* "sensittiva" minn kull dikjarazzjoni diskrezzjonarja ta' PNR skond il-paragrafi 28-34 ([3]).

Metodu ta' aċċess għad-*Data* tal-PNR

12. Fir-rigward ta' *data* tal-PNR li jaċċedi għaliha s-CBP (jew jirċeviha) direttament mis-sistemi ta' riservazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru sabiex jiġu identifikati suġġetti potenzjali għall-eżami fuq il-fruntiera, il-persunal tas-CBP ser jidħol (jew jirċievi) biss fi u juża d-*data* tal-PNR dwar dawk il-persuni li l-vjaġġ tagħhom ikun jinkludi titjira lejn jew mill ([4])-Istati Uniti.

13. Is-CBP ser "jiġbed" informazzjoni fuq il-passiġġieri mis-sistemi ta' riservazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru sakemm il-linji ta' l-ajru jkunu kapaċi jimplementaw sistema li "timbotta" d-*data* lis-CBP.

14. Is-CBP ser jiġbed id-*data* tal-PNR assoċjata ma' titjira partikolari mhux aktar kmieni minn 72 siegħa qabel it-tluq ta' dik it-titjira, u ser jerġa' jivverifika s-sistemi mhux aktar minn tliet (3) darbiet bejn il-ġbid inizjali, it-tluq tat-titjira minn post barrani u l-wasla tat-titjira fl-Istati Uniti, jew bejn il-ġbid inizjali u t-tluq tat-titjira mill-Istati Uniti, skond il-każ sabiex jidentifika kwalunkwe bidla fl-informazzjoni. F'każ illi l-linji ta' l-ajru jkunu jistgħu "jimbottaw" id-*data* tal-PNR, is-CBP ser ikollha bżonn tirċievi d-*data* 72 siegħa qabel it-tluq tat-titjira, sakemm il-bidliet kollha fid-*data* tal-PNR li jsiru bejn dak il-ħin u l-ħin tal-wasla tat-titjira fl-Istati Uniti jew it-tluq mill-Istati Uniti għandhom jiġu ttrasferiti wkoll lis-CBP ([5]). Fil-każ mhux tas-soltu illi s-CBP tikseb informazzjoni minn qabel li persuna jew persuni suspettabbli jistgħu jkunu qed jivjaġġaw lejn, minn jew fl-Istati Uniti, is-CBP tista tiġbed (jew titlob trasmissjoni partikolari ta') *data* ta' PNR qabel it-72 siegħa ta' qabel it-tluq tat-titjira sabiex tiżgura azzjoni xierqa ta' infurzar meta din tkun xierqa sabiex tipprevjeni jew tiġġieled xi delitt enumerat fil-paragrafu 3. Sakemm ikun prattikabbli, f'tali ċirkostanzi fejn is-CBP ikun irid jaċċedi għad-*data* tal-PNR qabel it-72 siegħa ta' qabel it-tluq tat-titjira, is-CBP ser juża l-mezzi ta' infurzar normali skond il-liġi.

([2]) Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, is-CBP mhix ikkunsidrata parti direttament involuta fl-ittestjar tal-CAPPS II jew "terza persuna".

([3]) Qabel l-implementazzjoni tal-filtri awtomatizzati tas-CBP (kif imsemmi fil-paragrafu 10), jekk ikun hemm *data* "sensittiva" f'PNR li tkun is-suġġett ta' dikjarazzjoni mhux diskrezzjonali mis-CBP kif deskritt fil-paragrafu 35, is-CBP ser jagħmel kull sforz sabiex jillimita r-rilaxx ta' *data* "sensittiva" tal-PNR, skond il-liġi ta' l-Istati Uniti.

([4]) Dan jinkludi persuni li jittranżitaw mill-Istati Uniti.

([5]) Fl-eventwalità li l-linji ta' l-ajru jiftiehmu li jimbottaw id-*data* tal-PNR lis-CBP, l-aġenzija ser tibda diskussjonijiet mal-linji ta' l-ajru dwar il-possibbiltà li jimbottaw id-*data* tal-PNR f'intervalli perjodiċi ta' ħin bejn 72 siegħa qabel it-tluq tat-titjira minn post barrani u l-wasla tat-titjira fl-Istati Uniti, jew fi żmien 72 siegħa qabel it-tluq tat-titjira mill-Istati Uniti, skond il-każ. Is-CBP tipprova tuża metodu ta' trasferiment tad-*data* tal-PNR meħtieġa li tkun tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-aġenzija għal eżami effettiv tar-riskju, waqt illi timminimizza l-impatt ekonomiku fuq il-linji ta' l-ajru.

Ħażna ta' *Data* tal-PNR

15. Jekk tingħata l-approvazzjoni ta' n-National Archives and Records Administration (44 U.S.C. 2101, *et seq.*), is-CBP ser jillimita l-aċċess għad-*data* tal-PNR għall-utenti ([6]) awtorizzati tas-CBP għal perijodu ta' sebat (7) ijiem, u wara dan in-numru ta' uffiċjali awtorizzati sabiex jaċċedu d-*data* tal-PNR ser tkun limitata ulterjorment għal perijodu ta' tliet snin u 6 xhur (3.5 snin) mid-*data* ta' l-aċċess għad-*data* (jew minn meta ġiet riċevuta) fis-sistema ta' riservazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru. Wara 3.5 snin, id-*data* tal-PNR li ma jkunux daħlu fiha manwalment tul dak il-perijodu ta' żmien, tinqered. Id-*data* tal-PNR li jkunu daħlu fiha manwalment tul l-ewwel perijodu ta' 3.5 snin ser tiġi trasferita mis-CBP lejn fajl tad-dokumenti mħassra, ([7]) fejn ser tibqa' għal perijodu ta' tmien (8) snin qabel ma tinqered. Din l-iskeda, madanakollu, ma tapplikax għad-*data* tal-PNR li tkun marbuta ma' rekord speċifiku ta' infurzar (tali *data* tibqa' aċċessibbli sakemm ir-rekord ta' infurzar jiġi arkivjat). Fir-rigward ta' PNR li jagħmel aċċess għalih is-CBP (jew jirċievih) direttament mis-sistemi ta' riservazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru tul id-dati effettivi ta' dawn il-Garanziji, is-CBP ser iżomm mal-politika dwar il-ħażna ta' l-informazzjoni stipulati fil-paragrafu preżenti, minkejja l-possibbiltà ta' l-iskadenza tal-Garanziji skond il-paragrafu 46.

Sigurtà tas-Sistema tal-Kompjuter tas-CBP

16. Il-persunal awtorizzat tas-CBP jikseb aċċess għall-PNR permezz ta' sistema magħluqa ta' intranet li hija kriptata *end-to-end* u l-konnessjoni hija kkontrollata mill-Customs Data Center. Id-*data* tal-PNR maħżuna fuq id-*database* tas-CBP hija limitata għal aċċess "qari biss" mill-persunal awtorizzat, u dan ifisser illi s-sustanza tad-*data* tista' tiġi fformattjata mill-ġdid b'mod programmatiku, iżda mhix ser tinbidel sostanzjalment fi kwalunkwe mod mis-CBP ladarba daħlu fiha mis-sistema ta' riservazzjonijiet tal-linja ta' l-ajru.

17. L-ebda aġenzija barranija, federali, statali jew lokali oħra ma għandha aċċess elettroniku għad-*data* tal-PNR miżmuma fid-*databases* tas-CBP (inkluż permezz tal-Interagency Border Inspection System (IBIS)).

18. Dettalji dwar aċċess għal informazzjoni fid-*databases* CBP (bħal min, fejn, meta (*data* u ħin) u kwalunkwe reviżjoni għad-*data*) huma rekordjati awtomatikament u verifikati regolarment mill-*Office of Internal Affairs* għall-prevenzjoni ta' l-użu mhux awtorizzat tas-sistema.

19. Huma biss ċerti uffiċjali, impjegati jew kuntratturi ([8]) tat-teknoloġija ta' linformazzjoni tas-CBP (taħt is-sorveljanza tas-CBP) li jkunu għaddew b'suċċess minn investigazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi personali tagħhom, li għandhom kont attiv u protett minn *password* fis-sistema tal-kompjuter tas-CBP, u għandhom skop uffiċjali rikonoxut sabiex jaraw id-*data* tal-PNR, li jistgħu jidħlu għad-*data* tal-PNR.

20. L-uffiċjali, l-impjegati u l-kuntratturi tas-CBP huma mitluba jispiċċaw programm ta' taħriġ dwar is-sigurtà u l-privatezza tad-*data*, inkluż li jgħaddu minn eżami darba kull sentejn. Is-sistema tal-verifika tas-CBP hija wżata sabiex tissorvelja u tassigura l-osservanza tar-rekwiżiti kollha tal-privatezza u s-sigurtà dwar id-*data*.

21. L-aċċess mhux awtorizzat mill-persunal tas-CBP għas-sistemi ta' riservazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru jew għas-sistema kompjuterizzata tas-CBP li taħżen il-PNR huwa suġġett għal azzjoni dixxiplinari stretta (li tista' tfisser tkeċċija mill-impjieg) u tista' tirriżulta fl-imposizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali (multi, priġunerija sa massimu ta' sena, jew it-tnejn) (ara titlu 18, United States Code, section 1030).

22. Il-politika u r-regolamenti tas-CBP jipprovdu wkoll għal azzjoni dixxiplinari stretta (li tista' tinkludi t-tkeċċija mill-impjieg) li tista' tittieħed kontra mpjegat tas-CBP li jikxef informazzjoni mis-sistemi kompjuterizzati tas-CBP mingħajr awtorizzazzjoni uffiċjali (titlu 19, Code of Federal Regulations, section 103.34).

23. Jistgħu jingħataw sanzjonijiet kriminali (inkluż multi, priġunerija sa massimu ta' sena, jew it-tnejn) kontra kull uffiċjal jew impjegat ta' l-Istati Uniti għal kxif ta' *data* tal-PNR miksuba fil-kors ta' l-impjieg, fejn tali kxif ma jkunx ġie awtorizzat skond il-liġi (ara titlu 18, United States Code, sections 641, 1030, 1905).

([6]) Dawn l-utenti awtorizzati tas-CBP jinkludu l-impjegati assenjati għad-diviżjonijiet analitiċi fl-uffiċċji barra l-Istati Uniti (*field offices*), kif ukoll l-impjegati assenjati man-*National Targeting Center*. Kif ġie indikat qabel, il-persuni nkarigati mill-manutensjoni, l-iżvilupp u l-verifika tad-*databases* tas-CBP ser ikollhom ukoll aċċess għal tali *data* għal dawk l-iskopijiet limitati.

([7]) Għalkemm ir-rekord tal-PNR ma jiġix teknikament imħassar meta jiġi trasferit fid- *Deleted Record File* (Fajl tad-Dokumenti Mħassra), dan jiġi maħżun bħala *data* mhix ipproċessata (mhux fil-forma li tista' titfittex mill-ewwel, u mhi ta' l-ebda użu għall-investigazzjonijiet "normali" ta' nfurzar tal-liġi) u hija disponibbli biss lill-persunal awtorizzat fl-*Office of Internal Affairs for CBP* (u f'ċerti każijiet l-*Office of the Inspector General* f'każ ta' rabta mal-verifiki) u l-persunal responsabbli għall-manutenzjoni tad-*database* fis-*CBP's Office of Information Technology*, fuq bażi ta' "bżonn ta' tagħrif".

([8]) Aċċess minn "kuntratturi" għal kull forma ta' *data* tal-PNR kontenuta fis-sistemi tal-kompjuter tas-CBP ser ikun limitata għall-persuni li huma marbuta b'kuntratt mas-CBP sabiex jgħinu fil-manutensjoni jew l-iżvilupp tas-sistema tal-kompjuter tas-CBP.

Trattament u Protezzjoni tad-*Data* tal-PNR min-naħa tas-CBP

24. Is-CBP titratta l-informazzjoni tal-PNR dwar persuni ta' kull nazzjonalità jew pajjiż ta' residenza bħala sensittiva għall-infurzar tal-liġi, informazzjoni kunfidenzjali tal-persuna suġġett tad-*data*, u informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tal-linja ta' l-ajru, u għaldaqstant, ma tikxef bl-ebda mod tali *data* lill-pubbliku ħlief skond dawn il-Garanziji jew fejn mitlub mil-liġi.

25. Dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar id-*data* tal-PNR huma ġeneralment regolati mill- *Freedom of Information Act* (FOIA) (title 5, United States Code, section 552) li jippermetti lil kull persuna (irrispettivament miċ-ċittadinanza jew il-pajjiż tar-residenza) aċċes għad-dokumenti ta' aġenzija federali ta' l-Istati Uniti, sakemm tali dokumenti (jew parti minnhom) ma jkunux protetti mill-kxif pubbliku permezz ta' eżenzjoni applikabbli skond il-FOIA. Fost l-eċċezzjonijiet, il-FOIA jippermetti aġenzija żżomm milli tikxef rekord (jew parti minnu) fejn l-informazzjoni tkun informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, fejn il-kxif ta' l-informazzjoni jikkostitwixxi b'mod ċar invażjoni mhux ġustifikata fil-privatezza personali, jew fejn l-informazzjoni tkun inġabret għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, sa dak il-grad illi l-kxif ta' l-informazzjoni jista' raġonevolment jiġi kkunsidrat li jinvadi mingħajr ġustifikazzjoni il-privatezza personali (titlu 5, United States Code, sections 552(b)(4), (6), (7)(C)).

26. Ir-regolamenti tas-CBP (titlu 19, Code of Federal Regulations, section 103.12), li jirregolaw l-ipproċessar ta' talbiet għal informazzjoni (bħal dati tal-PNR) skond il-FOIA, jistipulaw speċifikament illi (suġġet għal ċerti eċċezzjonijiet limitati fil-każ ta' talbiet mis-suġġett tad-*data*) ir-rekwiżiti ta' kxif għal-FOIA mhumiex applikabbli għar-rekords tas-CBP marbuta ma': (1) informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali; (2) materjal li jinvolvi privatezza personali fejn il-kxif jikkostitwixxi b'mod ċar invażjoni mhux ġustifikata tal-privatezza personali, u (3) informazzjoni kompilata għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, fejn il-kxif ikun raġonevolment mistenni li jikkostitwixxi invażjoni mhux ġustifikata tal-privatezza personali ([9]).

27. Is-CBP ser jieħu l-pożizzjoni in konnessjoni ma' kwalunkwe proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li joħorġu minn talba skond l-FOIA għal informazzjoni dwar PNR aċċessjat mil-linji ta' l-ajru, li tali dokumenti huma eżentati mill-kxif skond il-FOIA.

Trasferiment ta' *Data* tal-PNR lil Aworitajiet Oħrajn tal-Gvern

28. Bl-eċċezzjoni tat-trasferimenti bejn is-CBP u t-TSA skond il-paragrafu 8 hawn fuq, elementi tad-*Department* of *Homeland Security* (DHS) (Dipartiment tas-Sigurtà Interna) ser jiġu ttrattati bħala "aġenziji terzi", suġġetti għall-istess regoli u kundizzjonijiet għall-qsim ta' *data* tal-PNR bħall-awtoritajiet l-oħra tal-gvern barra d-DHS.

29. Is-CBP fid-diskrezzjoni tiegħu, ser jipprovdi *data* tal-PNR lil awtoritajiet oħra tal-gvern biss, inkluż awtoritajiet ta' gvernijiet barranin, b'funzjonijiet ta' kontro-terroriżmu jew infurzar tal-liġijiet, każ, b'każ, għall-finijiet ta' prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-reati identifikati hawn fuq fil-paragrafu 3. (L-awtoritajiet li magħhom is-CBP jista' jaqsam tali *data* minn issa 'l quddiem qed jissejħu l-"Awtoritajiet Indikati").

30. Is-CBP ser juża d-diskrezzjoni tiegħu bir-reqqa biex jittrasferixxi d-*data* tal-PNR għall-iskopijiet imsemmija. Is-CBP l-ewwel ser jiddetermina jekk ir-raġuni għall-kxif tad-*data* tal-PNR lil Awtorità Indikata oħra tinkwadrax ruħha fir-raġuni mogħtija (ara l-paragrafu 29 hawn fuq). Jekk dan ikun il-każ, is-CBP ser jiddetermina jekk l-Awtorità Indikata hix responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tal-ksur, jew l-infurzar jew l-implementazzjoni ta' statut jew regolament marbut ma' dak l-iskop, fejn is-CBP ikun konxju minn indikazzjoni ta' ksur jew ksur potenzjali tal-liġi. Il-merti tal-kxif iridu jiġu eżaminati fid-dawl taċ- ċirkostanzi kollha ppreżentati.

31. Għall-finijiet ta' regolamentazzjoni tat-tixrid tad-*data* tal-PNR li tista' tinqasam ma' Awtoritajiet Indikati oħra, is-CBP huwa kkunsidrat "is-sid" tad-*data* u tali Awtoritajiet Indikati huma obbligati mit-termini espressi tal-kxif sabiex: (1) jużaw id-*data* tal-PNR biss għall-iskopijiet elenkati hawn fuq fil-paragrafu 29 jew 34, kif xieraq, (2) jiżguraw it-tħassir b'mod ordnat ta' l-informazzjoni tal-PNR li tkun ġiet riċevuta b'mod konsistenti mar-rekord tal-proċeduri taż-żamma ta' l-Awtorità Indikata; u (3) jiksbu l-awtorizzazzjoni espressa tas-CBP għal kwalunkwe disseminazzjoni ulterjuri. Nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet għat-trasferiment jistgħu jiġu investigati u rrappurtati miċ-*Chief Privacy Officer* tad-DHS u jista' jirrendi l-Awtorità Indikata ineliġibbli biex jirċievu trasferimenti sussegwenti tad-*data* tal-PNR mis-CBP.

([9]) Is-CBP jinvoka dawn l-eżenzjonijiet b'mod uniformi, mingħajr ma tħares lejn in-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza tal-persuna suġġett tad-*data*.

32. Kull kxif ta' *data* tal-PNR mis-CBP ser tkun tiddependi fuq it-trattament tad-dati min-naħa ta' l-aġenzija li tirċeviha bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u sensittiva għall-infurzar tal-liġi, informazzjoni kunfidenzjali personali fuq il-persuna suġġett tad-*data*, kif imfisser hawn fuq fil-paragrafi 25 u 26, li jridu jiġu ttrattati bħala eżenti mill-kxif taħt il-*Freedom of Information Act* (5 U.S.C. 552). Aktar minn hekk, l-aġenzija li tirċievi d-*data* ser tkun mogħtija l-parir li mhux permess kxif ulterjuri ta' tali informazzjoni mingħajr il-kunsens espress minn qabel mis-CBP. Is-CBP mhux ser jawtorizza trasferiment ulterjuri ta' kwalunkwe *data* tal-PNR għal skopijiet li mhumiex dawk identifikati hawn fuq fil-paragrafi 29, 34 u 35.

33. Il-persuni mpjegati minn tali Awtoritajiet Indikati li mingħajr l-awtorizzazzjoni xierqa jikxfu d-*data* tal-PNR, jistgħu jsofru sanzjonijiet kriminali (titlu 18, United States Code, sections 641, 1030, 1905).

34. L-ebda dikjarazzjoni f'dan it-test ma għandu jwaqqaf l-użu jew il-kxif ta' *data* tal-PNR lill-awtoritajiet relevanti tal-gvern, fejn tali kxif ikun meħtieġ għall-protezzjoni ta' l-interessi vitali tal-persuna suġġett tad-*data* jew ta' persuni oħrajn, b'mod partikolari fir-rigward ta' riskji kbar għas-saħħa. Dikjarazzjonijiet għal dawn l-iskopijiet ser ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet tat-trasferimenti stipulati fil-paragrafi 31 u 32 ta' dawn il-Garanziji.

35. L-ebda dikjarazzjoni f'dawn il-Garanziji m'għandha twaqqaf l-użu jew il-kxif tad-*data* tal-PNR f'xi proċeduri ġudizzjarji kriminali jew kif mitlub mil-liġi. Is-CBP ser jagħti parir lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-promulgazzjoni ta' kull liġi ta' l-Istati Uniti li taffettwa materjalment id-dikjarazzjonijiet magħmula f'dawn il-Garanziji.

Avviż, Aċċess u Opportunitajiet ta' kif tikseb Rimedju għas-Suġġetti tad-*Data* tal-PNR

36. Is-CBP ser jipprovdi informazzjoni lill-vjaġġaturi dwar ir-rekwiżit tal-PNR u l-materji marbuta ma' l-użu tagħha (jiġifieri informazzjoni ġenerali dwar l-awtorità li biha tinġabar id-*data*, l-iskop għal tali ġabra, il-protezzjoni tad-*data*, il-qsim tad-*data*, l-identità ta' l-uffiċjal responsabbli, il-proċeduri disponibbli biex wieħed jikseb rimedji u informazzjonijiet ta' kuntatt għal persuni b'domandi jew tħassib ieħor, eċċ, għal *posting* fuq il-*website* tas-CBP, f'fuljetti ta' l-ivjaġġar, eċċ.).

37. Talbiet mis-suġġett tad-*data* (magħruf ukoll bħala *"first party requesters"*) sabiex jirċievu kopja tad-*data* tal-PNR miżmuma fid-databases tas-CBP marbuta mas-suġġett tad-*data* jiġu pproċessati taħt il-*Freedom of Information Act* (FOIA) (l-Att dwar il-Libertà ta' l-Informazzjoni). Talbiet bħal dawn jistgħu jiġu ndirizzati lil: Freedom of Information Act (FOIA) Request, U.S. Customs and Border Protection, 1300 Pennsylvania Avenue, N.W., Washington, D.C. 20229, jekk tkun bil-posta; jew talba simili tista' tiġi konsenjata lid-Disclosure Law Officer, U. S. Customs and Border Protection, Headquarters, Washington, D.C. Għal aktar informazzjoni dwar il-proċeduri għat-tfassil ta' talbiet FOIA jinsabu fl-artikolu 103.5 tat-titolu 19 tal-Kodiċi ta' Regolamenti Federali ta' l-Istati Uniti. Fil-każ ta' talba *first-party*, il-fatt illi s-CBP normalment jikkonsidra d-*data* tal-PNR bħala informazzjoni personali kunfidenzjali tas-suġġett tad-*data* u informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tal-linja ta' l-ajru mhux ser jintuża mis-CBP bħala bażi taħt il-FOIA biex iżomm milli jgħaddi d-*data* tal-PNR mis-suġġett tad-*data*.

38. F'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali, is-CBP jista' jeżerċita l-awtorità tiegħu taħt il-FOIA sabiex jirrifjuta jew jippostponi l-kxif tar-rekord tal-PNR kollu (jew aktar probabbli parti minnu) lil *first party requester*, skond it-titolu 5, tal-Kodiċi ta' l-Istati Uniti, artikolu 552(b) (e.ż. jekk il-kxif skond il-FOIA "jista' jiġi previst illi ser jinterferixxi mal-proċeduri ta' infurzar" jew "ser jikxef tekniċi u proċeduri ta' investigazzjonijiet ta' infurzar ...[li] jistgħu raġonevolment iwasslu għal evażjoni tal-liġi"). Skond il-FOIA, kull persuna li tagħmel din it-talba għandha l-awtorità li tisfida b'mezzi amministrattivi u ġudizzjarji d-deċiżjoni tas-CBP li jżomm milli jikxef l-informazzjoni (ara 5 U.S.C. 552(a)(4)(B); 19 CFR 103.7-103.9).

39. Is-CBP jimpenja ruħu li jirrettifika ([10]) d-*data* fuq talba tal-passiġġieri u l-membri ta' l-ekwipaġġ, il-linji ta' l-ajru jew id-*Data Protection Authorities* (DPAs) (l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data) fl-Istati Membri ta' l-UE (sakemm dan ikun speċifikament awtorizzat mis-suġġett tad-*data*), fejn is-CBP iqis illi tali *data* tkun tinsab fid-*database* tiegħu u illi hija ġustifikata u xierqa korrezzjoni tagħha. Is-CBP ser tinforma lil kull Awtorità Indikata li rċeviet tali *data* tal-PNR b'kull rettifika materjali ta' dik id-*data* tal-PNR.

([10]) Bil-kelma "jirrettifika" is-CBP jixtieq jagħmilha ċara illi mhux ser ikun awtorizzat jirrevedi d-*data* fir-rekord tal-PNR li jaċċedi għalih minn għand il-linji ta' l-ajru. Pjuttost, ser jiġi kreat rekord separat marbut mar-rekord tal-PNR sabiex fih jiġi annotat illi d-*data* ġiet meqjusa skorretta u wkoll il-korrezzjoni appropjata. Speċifikament, is-CBP ser jinnota r-rekord sekondarju ta' l-eżami tal-passiġġier sabiex jirrefletti li ċertu *data* fil-PNR tista' tkun jew hi skorretta.

40. Talbiet għal korrezzjoni tad-*data* tal-PNR maħżuna fid-*database* tas-CBP u ilmenti minn individwi dwar l-ipproċessar tad-*data* tal-PNR tagħhom mis-CBP jistgħu jsiru direttament jew permezz tad-DPA rilevanti (sakemm dan ikun speċifikament awtorizzat mis-suġġett tad-*data*) lill-Assistant Commissioner, Office of Field Operations, U.S. Bureau of Customs and Border Protection, 1300 Pennsylvania Avenue, N.W., Washington, D.C. 20229.

41. F'każ illi lment ma jistax jiġi solvut mis-CBP, l-ilment jista' jiġi ndirizzat, bil-miktub, liċ-Chief Privacy Officer, Department of Homeland Security, Washington, DC 20528, li jirrevedi s-sitwazzjoni u jipprova jsolvi l-ilment ([11]).

42. Aktar minn hekk id- *DHS Privacy Office* ser jindirizza fuq bażi mgħaġġla l-ilmenti riferuti lilu mid-DPAs ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE) f'isem resident ta' l-UE u sakemm dak ir-resident ikun awtorizza lid-DPA jaġixxi f'ismu jew f'isimha u jemmen illi l-ilment tiegħu jew tagħha dwar il-PNR ma ġiex sodisfatt kif suppost mis-CBP (kif stipulat fil-paragrafi 37-41 ta' dawn il-Garanziji) jew tad-*DHS Privacy Office*. Il-*Privacy Office* ser jirrapporta l-konklużjonijiet tiegħu u jagħti parir lid-DPA jew DPAs konċernati dwar l-azzjonijiet li jridu jittieħdu, jekk ikun hemm bżonn. Id-*DHS Chief Privacy Officer* ser tinkludi fir-rapport tagħha lill-Kungress informazzjoni dwar in-numru, is-sustanza u r-risoluzzjoni ta' l-ilmenti dwar l-ipproċessar tad-*data* personali, bħall-PNR ([12]).

Materji ta' Osservanza

43. Is-CBP, flimkien mad-DHS, jimpenja ruħu illi jagħmel darba f'sena, jew aktar spiss skond kif miftiehem bejn il-partijiet, reviżjoni konġunta mal-Kummissjoni Ewropea assistita kif xieraq mir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet Ewropej ta' l-infurzar tal-liġi u/jew awtoritajiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([13]), dwar l-implementazzjoni ta' dawn il-Garanziji, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni reċiproka għall-operat effettiv tal-proċessi deskritti f'dawn il-Garanziji.

44. Is-CBP ser joħroġ regolamenti, direttivi jew dokumenti oħrajn ta' politika li jinkorporaw d-dikjarazzjonijiet ta' dan it-test, sabiex jiżgura l-osservanza ta' dawn il-Garanziji mill-uffiċjali, l-impjegati u l-kuntratturi tas-CBP. Kif ġie indikat f'dan it-test, in-nuqqas ta' l-uffiċjali, impjegati u kuntratturi tas-CBP li josservaw il-politiki tas-CBP inkorporati fih, jista' jirriżulta f'miżuri dixxiplinari stretti, u sanzjonijet kriminali, kif xieraq.

Reċiproċità

45. F'każ illi tkun implementata fl-Unjoni Ewropea sistema ta' identifikazzjoni tal-passiġġiera bl-ajru li titlob li l-linji ta' l-ajru jipprovdu l-awtoritajiet b'aċċess għad-*data* tal-PNR ta' persuni li għalihom l-itinerarju attwali tal-vjaġġ jinkludi titjira lejn jew mill-Unjoni Ewropea, is-CBP għandu, strettament fuq il-bażi ta' reċiproċità, jinkoraġġixxi l-linji ta' l-ajru bbażati fl-Istati Uniti sabiex jikkoperaw.

Reviżjoni u Terminazzjoni tal-Garanziji

46. Dawn il-Garanziji japplikaw għal terminu ta' tliet snin u sitt xhur (3.5 snin), li jibdew fuq id-*data* li fiha l-ftehim jidħol fis-seħħ bejn l-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea, li jawtorizza l-ipproċessar tad-*data* tal-PNR mil-linji ta' l-ajru għal skopijiet ta' trasferiment ta' tali *data* lis-CBP, skond id-Direttiva. Wara li dawn il-Garanziji jkun ilhom fis-seħħ sentejn u sitt xhur (2.5 snin), is-CBP, flimkien mad-DHS, ser jibda diskusjonijiet mal-Kummissjoni bil-għan illi jestendi l-Garanziji u kull arranġament ta' sostenn, fuq termini reċiprokament aċċettabbli. Jekk l-ebda arranġament reċiprokament aċċettabbli ma jkun jista' jiġi konkluż qabel l-iskadenza ta' dawn il-Garanziji, l-Garanziji ma jibqgħux fis-seħħ.

([11]) Id-DHS *Chief Privacy Officer* huwa indipendenti minn kull direttorat fid-*Department of Homeland Security*. Hija obbligata bil-liġi tiżgura li l-informazzjoni personali tintuża b'mod illi jikkonforma mal-liġijiet relevanti (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna numru 13). Id-deċiżjonijiet taċ-*Chief Privacy Officer* jorbtu d-Dipartiment u ma jistgħux jinbidlu fuq bażi politika.

([12]) Skond l-artikolu 222 tal-*Homeland Security Act* ta' l-2002 (l-"Att") (Liġi Pubblika 107-296, tal-25 ta' Novembru 2002), il-*Privacy Officer* tad-DHS huwa nkarigat li jagħmel "eżami ta' l-impatt fuq il-privatezza" tar-regoli proposti mid-Dipartiment fuq "il-privatezza ta' l-informazzjoni personali, inkluż it-tip ta' informazzjoni personali miġbura u n-numru ta' persuni milquta" u jrid jirrapporta lill-Kungress fuq bażi annwali dwar l-"attivitajiet tad-Dipartiment li jolqtu l-privatezza…" L-artikolu 222(5) ta' l-Att jiddirieġi espressament ukoll lill-*Privacy Officer* sabiex jisma' u jirrapporta lill-Kungress dwar "l-ilmenti dwar ksur ta' privatezza" kollha.

([13]) Il-komposizzjoni tad-delegazzjonijiet fuq iż-żewġ naħat għandhom jiġu notifikati reċiprokament minn qabel u jistgħu jinkludu awtoritajiet xierqa fil-qasam tal-protezzjoni tal-privatezza/*data*, tal-kontroll doganali u forom oħra ta' infurzar tal-liġi, tas-sigurtà tal-fruntiera u/jew tas-sigurtà fl-avjazzjoni. L-awtoritajiet parteċipanti ser jintalbu jiksbu kull rilaxx tas-sigurtà mitlub u għandhom jaderixxu mal-prinċipju tal-kunfidenzjalità tad-diskussjonijiet u d-dokumentazzjoni li għaliha jkollhom aċċess. Il-kunfidenzjalità madanakollu mhix ser tkun ostakolu għal kwalunkwe parti biex dawn jagħmlu rapport xieraq dwar ir-riżultati tar-reviżjoni konġunta lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom rispettivi, inkluż il-Kungress Amerikan u l-Parlament Ewropew. Madanakollu, fl-ebda każ ma jistgħu l-awtoritajiet parteċipanti jikxfu kwalunkwe *data* personali tas-suġġett tad-*data* u l-anqas ma jistgħu l-awtoritajiet parteċipanti jikxfu kwalunkwe informazzjoni li mhix pubblika miksuba minn dokumenti li għalihom jingħataw aċċess, jew informazzjoni dwar kwalunkwe aġenzija operattiva jew interna li jiksbu matul ir-reviżjoni konġunta. Iż-żewġ naħat ser jiddeterminaw reċiprokament id-dettalji tar-reviżjoni konġunta.

L-Ebda Dritt Privat jew Preċedent Ma Nħoloq

47. Dawn il-Garanziji ma joħolqux jew ma jagħtu l-ebda dritt jew benefiċċju lil kwalunkwe persuna jew parti, privata jew pubblika.

48. Id-disposizzjonijiet ta' dawn il-Garanziji mhumiex preċedent għal kwalunkwe diskussjoni futura mal-Kummissjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea, jew entità relatata, jew ma' Stat terz dwar it-trasferiment ta' kwalunkwe forma ta' *data*.

11 ta' Mejju 2004

ANNESS A

Elementi tad-*Data* tal-PNR Mitluba mis-CBP mingħand il-Kumpaniji ta' l-Ajru

1. PNR kodiċi ta' lokalizzazzjoni tar-rekord
2. Data tar-riservazzjoni
3. Data/(i) tal-vjaġġ ippjanat
4. Isem
5. Ismijiet oħra fuq PNR
6. Indirizz
7. Il-forom kollha ta' l-informazzjoni dwar il-pagament
8. Indirizz ta' fejn jintbgħat il-kont
9. Numri tat-telefon
10. L-itinerarju ta' l-ivjaġġar għal PNR speċifiku
11. Informazzjoni dwar vjaġġaturi ta' sikwit (limitat għall-mili ta' titjiriet u l-indirizz(i))
12. Aġenzija ta' l-ivjaġġar
13. Aġent ta' l-ivjaġġar
14. Informazzjoni tal-PNR dwar il-*code share*
15. Stat tal-vjaġġ tal-passiġġier
16. Informazzjoni tal-PNR maqsuma/diviża
17. Indirizz ta' l-email
18. Qasam ta' informazzjoni dwar il-biljett
19. Rimarki ġenerali
20. Numru tal-biljett
21. Numru tas-siġġu
22. Data tal-ħruġ tal-biljett
23. Storja ta' *no show*
24. Numri tat-tikketti fuq il-bagalji
25. Informazzjoni dwar *go show*
26. Informazzjoni OSI
27. Informazzjoni SSI/SSR
28. Informazzjoni riċevuta minn
29. Bidliet kollha fil-PNR
30. Numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR
31. Informazzjoni dwar is-siġġu
32. Biljetti mingħajr ritorn *(one-way)*
33. Kull informazzjoni APIS miġubra
34. Oqsma ATFQ.